



---

*Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur*

---

**2016/2145(INI)**

29.12.2016

## **OPINJONI**

tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur

għall-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

dwar l-Inizjattiva Ewropea dwar il-Cloud Computing  
(2016/2145(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Eva Paunova

PA\_NonLeg

PE589.220v02-00

2/6

AD\1111035MT.docx

**MT**

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur jistieden lill-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija, bħala l-kumitat responsabbi, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jilqa' l-Inizjattiva Ewropea dwar il-Cloud Computing tal-Kummissjoni bħala parti mill-implementazzjoni tal-Istrateġija tas-Suq Uniku Diġitali u tal-Pakkett dwar id-Diġitalizzazzjoni tal-Industrija Ewropea, li għaldaqstant trawwem it-tkabbir tal-ekonomija diġitali Ewropea, tikkontribwixxi għall-kompetittività tan-negozji u s-servizzi Ewropej u ssahħha il-pożizzjonament tagħihom fis-suq dinji; jistieden lill-Kummissjoni biex, permezz ta' miżuri definiti b'mod ċar, tiżgura li din l-inizjattiva hija xierqa biex tilħaq l-iskop tagħha, tħares 'il barra, valida għall-futur u ma toħloqx ostakoli sproporzjonati jew mhux ġustifikati;
2. Jilqa' l-approċċ ta' Xjenza Miftuħa u r-rwol li dan l-approċċ għandu fil-ħolqien ta' ekonomija tal-ġħarfien Ewropea, u fil-promozzjoni ulterjuri tal-kwalità tar-riċerka u tal-iżvilupp tagħha fl-Unjoni Ewropea; jenfasizza li attwalment, il-valur tad-data tar-riċerka miġbura mhuwiex sfruttat bis-sħiħ mill-industrija, speċjalment mill-SMEs, minħabba n-nuqqas ta' fluss transfruntier liberu tad-data u aċċess għal pjattaforma jew portal uniċi, u jinnota li l-Kummissjoni għandha l-għan li tagħmel id-data xjentifika kollha prodotta mill-Programm H2020 miftuħa b'mod awtomatiku;
3. Jappoġġa l-Cloud Computing Ewropew tax-Xjenza Miftuħa bħala parti mill-Inizjattiva Ewropea dwar il-Cloud Computing li se toħloq ambjent virtwali fejn ix-xjentisti u l-professjonisti mir-reġjuni kollha jistgħu jaħżnu, jikkondividu, jiġġestixxu, janalizzaw u jużaw mill-ġdid id-data tar-riċerka tagħhom, inkluża data tar-riċerka ffinanzjata b'fondi pubbliċi, b'mod interdixxiplinari u transfruntier, sabiex b'hekk jingħata kontribut biex titneħħa l-frammentazzjoni tas-Suq Uniku; iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tapplika approċċ komprensiv b'rabta max-Xjenza Miftuħa li jkun inklużiv fir-rigward tal-komunità tax-Xjenza miftuħa u tax-Xjentisti indipendenti, biex tipprovi aktar ċarezza dwar id-definizzjonijiet użati fil-Komunikazzjoni u b'mod partikolari biex toħloq distinzjoni ċara bejn l-Inizjattiva Ewropea dwar il-Cloud Computing u l-Cloud Computing Ewropew tax-Xjenza Miftuħa, u biex għaldaqstant taġġorna l-leġiżlazzjoni sabiex tiffaċilita l-użu mill-ġdid tar-riżultati tar-riċerka;
4. Jappoġġa l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tnejħhi l-ostakoli, speċjalment dawk tekniċi u ġuridiċi, għall-moviment liberu tad-data u tas-servizzi tad-data u r-rekwiżiti sproporzjonati ta' lokalizzazzjoni tad-data, u li tippromwovi l-interoperabilità tad-data billi torbot l-Inizjattiva Ewropea dwar il-Cloud Computing mal-Inizjattiva dwar il-Fluss Liberu tad-Data; iqis li, sabiex tinkiseb soċjetà diġitali, il-fluss liberu tad-data jrid jitqies bħala l-ħames libertà fi ħdan is-Suq Uniku; jinnota li qafas legali ċar, kompetenzi u riżorsi suffiċjenti relatati mal-ġestjoni ta' Big Data, kif ukoll ir-rikonoxximent ta' kwalifikasi professjonali rilevanti huma prerekwiżi biex jiġi sfruttat il-potenzjal shiħi tal-cloud computing; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tikkoopera mal-partijiet ikkonċernati, speċjalment mal-industrija, biex jiġu identifikati l-opportunitajiet ta' taħbiġ fil-qasam tal-Big Data u tal-kodifikazzjoni anki fl-ambitu tal-Āgħida Għidha għall-Ħiliet, u toħloq incenċivi għall-partijiet ikkonċernati, b'mod partikolari l-SMEs u n-negozjil-ġodda, biex jużaw, jiftu u jikkondividu data fis-Suq Uniku;

5. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li t-tħassib dwar id-drittijiet fundamentali, il-privatezza, il-protezzjoni tad-data, id-drittijiet tal-proprjetà intellettuali u l-informazzjoni sensittiva jiġi ttrattat b'konformità stretta mar-Regolament Ĝeneralu dwar il-Protezzjoni tad-Data u mad-Direttiva dwar il-Protezzjoni tad-Data; jenfasizza li t-theddid għas-sigurta tal-infrastruttura tal-cloud computing saru aktar internazzjonali, mifruxa u kumplessi, qed ixekklu l-użu aktar intensiv tagħha, u jirrikjedu kooperazzjoni Ewropea; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-awtoritajiet nazzjonali tal-Istati Membri biex, f'konsultazzjoni mal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea dwar is-Sigurta tan-Netwerks u l-Informazzjoni (ENISA), jikkooperaw sabiex tiġi stabbilita infrastruttura diġitali sikura u affidabbli u jinkisbu livelli ġħolja ta' ċibersigurta b'konformità mad-Direttiva dwar is-Sigurta tan-Netwerks u tal-Informazzjoni;
6. Ifakk fir-riżultati pożittivi miksuba mill-istrutturi pan-Ewropej eżistenti u d-data miftuħha disponibbli fil-faċilitajiet nazzjonali tal-ħżin tad-data; jirrikonoxxi li għad hemm ħafna ostakoli fis-Suq Uniku li mhux qed jippermettu l-użu sħiħ ta' din l-inizjattiva; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jeżaminaw il-potenzjal tad-data digħi disponibbli u jiżguraw strateġija koerenti dwar id-data miftuħha u l-użu mill-ġdid ta' din id-data madwar l-Istati Membri; jinnota li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jridu jesploraw il-ħtieġa ta' investimenti ulterjuri f'infrastruttura fiżika transfruntiera b'enfasi speċjali fuq il-kombinament ta' komputazzjoni ta' prestazzjoni ġħolja, networks tal-broadband b'veloċità ġħolja u faċilitajiet ta' ħżin ta' data tal-massa sabiex tinħoloq ekonomija xprunata mid-data Ewropea b'saħħitha; jistieden lill-Kummissjoni tanalizza sħubijiet globali mmexxija mill-industrija u sħubijiet internazzjonali oħra b'rabta ma' din il-kwistjoni;
7. Jenfasizza l-importanza li l-Inizjattiva Ewropea dwar il-Cloud Computing tkun ibbażata fuq l-elementi kostitwenti tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, b'mod partikolari l-karti tal-identità elettroniċi u l-firem elettroniċi, sabiex tissaħħa il-fiduċja tal-utenti f'komunikazzjonijiet elettroniċi sikuri, interoperabbi u mingħajr xkiel madwar l-Ewropa kollha;
8. Jirrikonoxxi li l-standards għandhom jirriflettu l-ħtiġijiet reali tal-industrija u ta' partijiet ikkonċernati oħra; jenfasizza li huwa essenziali li jiġu żviluppati standards komuni ta' livell ġholi u li jintlaħaq qbil dwarhom sabiex jiġi żgurat aċċess għall-użu effiċjenti u l-kondiżjoni tad-data lil hinn mill-fruntieri nazzjonali, l-istituzzjonijiet u d-dixxiplini individwali; jistieden lill-Kummissjoni tidentifika l-aħjar skemi ta' ċertifikazzjoni madwar l-Istati Membri u, fejn xieraq, tistabbilixxi sett ta' standards pan-Ewropej xprunati mid-domanda, bl-involviment tal-partijiet ikkonċernati relevanti, biex tiġi ffaċilitata l-kondiżjoni tad-data, u abbażi ta' standards globali u miftuħha kull meta dan ikun iġġustifikat; jenfasizza li l-azzjonijiet meħuda fir-rigward tal-Inizjattiva Ewropea dwar il-Cloud Computing iridu jiżguraw li l-ħtiġijiet tas-Suq Uniku jittieħdu inkonsiderazzjoni u li dan is-suq jibqa' aċċessibbli b'mod globali u jkun kapaċi jirreaġixxi għall-evoluzzjoni teknoloġika;
9. Jenfasizza li fil-preżent 12 % biss tal-finanzjament impenjat taħt il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (FEIS) imur għal azzjonijiet relatati mas-settur diġitali; iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tippreżenta passi mmirati li jistgħu verament isāħħu l-involviment tal-Fondi tal-UE kollha, b'mod partikolari tal-FEIS, fi proġetti relatati mas-Suq Uniku Diġitali, inklużi inizjattivi ta' kondiżjoni tad-data, aċċessibbiltà diġitali, infrastruttura u konnettività diġitali madwar l-Ewropa kollha, u biex talloka aktar riżorsi għat-tishħiħ tar-

riċerka, l-żvilupp u l-innovazzjoni Ewropej, inkluż, fost affarijiet oħra, fil-qasam ta' teknoloġiji li jtejbu l-privatezza u s-sigurtà ta' sorsi miftuħha; jemmen li din l-inizjattiva għandha tīgħi żviluppata f'sinerġija ma' programmi oħra ta' Orizzont 2020, inkluż dwar il-cloud computing privat u s-servizzi elettroniċi tal-gvern;

10. Jinnota s-sottorappreżentanza ta' partijiet ikkonċernati ewlenin fid-diskussjonijiet u fi proġetti Pilota fuq Skala Kbira; iqis li, filwaqt li jiġu evitati piżżejjiet amministrattivi, l-involviment attiv ta' partijiet ikkonċernati pubbliċi u privati u tas-soċjetà ċivili fil-livell lokali, reġjonali, nazzjonali u Ewropew irid ikun prekundizzjoni għall-iskambju effettiv tal-informazzjoni; jenfasizza li l-Inizjattiva Ewropea dwar il-Cloud Computing għandha tkun ta' benefiċċju u tissodisfa l-ħtiġijiet mhux biss tal-komunità xjentifika iżda anki tal-industrija, inklużi l-SMEs u n-negozji l-ġodda, tal-amministrazzjonijiet pubbliċi u tal-konsumaturi.

**RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI  
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

<b>Data tal-adozzjoni</b>	29.11.2016
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: -: 0:
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Dita Charanzová, Carlos Coelho, Anna Maria Corazza Bildt, Daniel Dalton, Dennis de Jong, Pascal Durand, Vicky Ford, Ildikó Gáll-Pelcz, Evelyne Gebhardt, Maria Grapini, Sergio Gutiérrez Prieto, Robert Jarosław Iwaszkiewicz, Liisa Jaakonsaari, Morten Løkkegaard, Marlene Mizzi, Jiří Pospišil, Virginie Rozière, Christel Schaldemose, Olga Sehnalová, Igor Šoltes, Ivan Štefanec, Mylène Troszczynski, Mihai Turcanu, Marco Zullo
<b>Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Lucy Anderson, Anna Hedh, Kaja Kallas, Roberta Metsola, Dariusz Rosati, Adam Szejnfeld, Theodoros Zagorakis
<b>Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Bill Etheridge, Andrey Kovatchev